MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-25 ta' Jannar, 2013

Appell Civili Numru. 57/2011/1

**Mario Borg**
***v.***
**Kummissarju tal-Pulizija u Avukat Ġenerali**

1. Dan huwa appell tal-attur minn sentenza mogħtija fl-4 ta’ Ġunju 2012 mill-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza kostituzzjonali tagħha li ċaħdet talba tal-attur biex tgħid illi fi proċeduri kriminali kontra tiegħu nkiser il-jedd tiegħu għal smigħ xieraq imħares taħt l-art. 39 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta [“il-Kostituzzjoni”] u l-art. 6 tal-

Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali [“il-Konvenzjoni”].

2. L-attur qiegħed jilmenta illi nkiser il-jedd tiegħu għal smigħ xieraq għax:

3. meta kien interrogat mill-Pulizija u għamel stqarrija ma kellux aċċess għal għajnuna ta’ avukat;

4. ix-xhieda ewlenin li xehdu fil-proċess kontrieh ukoll ma kellhomx aċċess għall-għajnuna ta’ avukat meta kienu qegħdin jiġu investigati, u dan in-nuqqas kellu riperkussjoni mhux biss fuq il-proċeduri kontriehom iżda wkoll fil-proċeduri kontra l-attur;

5. għax il-maġistrat li mexxiet l-inkjesta kienet l-istess maġistrat li mexxiet il-proċeduri tal-kumpilazzjoni; u

6. għalkemm il-Qorti tal-Appell Kriminali b’sentenza mogħtija fid-19 ta’ Mejju 2011 fl-ismijiet <u>Repubblika ta’ Malta *v.* Mario Borg</u> iddikjarat li ma kienx ħati tar-reat ta’ konsenja ta’ droga li kien alleget li seħħ f’April tal-2003, din id-dikjarazzjoni ta’ nuqqas ta’ ħtija ma ġietx riflessa fil-piena.

7. L-attur għalhekk talab illi l-qorti, wara li tgħid illi nkisru l-art. 39 tal-Kostituzzjoni u l-art. 6 tal-Konvenzjoni, tagħti rimedju xieraq u effettiv.

8. L-ewwel qorti ċaħdet dawn it-talbiet tal-attur wara li għamlet dawn il-konsiderazzjonijiet:

“Fis-17 ta’ April 2003 ir-rikorrenti kien tressaq il-qorti b’arrest akkużat li bejn Frar 2003 u l-15 ta’ April 2003 assoċja ruħu ma’ nies f’Malta sabiex ibigħ u jittraffika mediċina, talli fl-istess żmien importa jew ġiegħel li tiġi importata f’Malta d-droga eroina u kellu fil-pussess tiegħu d-droga eroina u liema droga nstabet f’ċirkostanzi li juru li ma kenitx għall-użu esklussiv tiegħu.

”Fl-14 ta’ Ġunju 2006 ħareġ l-att ta’ akkuża kontra Mario Borg.

”B’sentenza li ngħatat mill-Qorti Kriminali fis-16 ta’ Jannar 2008 wara l-verdett tal-ġurati, iddikjarat lil Mario Borg ħati …

”… … …

”Il-qorti kkundannat lil Borg għal wieħed u għoxrin (21) sena priġunerija u multa ta’ sebgħin elf euro (€70,000) u ħlas ta’ spejjeż tal-perizji.

”B’sentenza li ngħatat mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-19 ta’ Mejju 2011, il-qorti ħassret dik il-parti tas-sentenza li sabet lil Borg ħati ta’ pussess aggravat fix-xahar ta’ April 2003 u ddikjaratu mhux ħati f’dan ir-rigward, u kkonfermata fir-rigward tal-kumplament.
”… … …
”Il-qorti ser tittratta l-ilment tar-rikorrent:-
”1. Ksur tad-dritt fundamentali għal smigħ xieraq peress li ma kienx ingħata aċċess għall-assistenza legali waqt u matul l-investigazzjoni tal-Pulizija.
”Jirriżulta li fil-kors tal-investigazzjoni li għamlet il-pulizija, Borg kien għamel stqarrija fis-17 ta’ April 2003 li għażel li ma jiffirmax. F’dan ir-rigward il-qorti tirrileva:-
“i. Ma kien hemm xejn milli jżomm lir-rikorrent milli jissolleva l-ilment tiegħu fl-istadju li kienu għadhom pendenti l-proċeduri kriminali. Ir-rikorrenti jista’ jargumenta li d-dritt għall-aċċess ta’ avukat ġie rikonoxxut bis-sentenza ta’ Salduz *v.* Turkija. Però l-ewwel deċiżjoni ngħatat fis-26 ta’ April 2007, ċjoè fi żmien meta l-każ kien għadu pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali. Il-każ ta’ Borg sar ġudikat.
“ii. F’rikors li ppreżenta quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta’ Settembru 2008 talab għal riferenza kostituzzjonali minħabba leżjoni tad-drittijiet fundamentali protetti bl-artikolu 39(1) u (8) tal-Kostituzzjoni u l-artikoli 6(1) u 7 tal-Konvenzjoni Ewropea. L-ilment dwar l-istqarrija ma jissemma mkien.
”iii. L-istqarrija ta’ Borg ma kenitx xi prova determinati biex jinstab ħati tal-akkużi. Fl-ebda parti mill-istqarrija ma ammetta li kellu x’jaqsam ma’ negozju ta’ droga. Mistoqsi jekk kienx jaf lil Kandemir Meryem Nilgum u Kucuk Melek, ċaħad. Mistoqsi dwar l-użu ta’ droga, għażel li ma jweġibx.
”iv. Hu minnu li f’partijiet tas-sentenza l-Qorti tal-Appell Kriminali għamlet riferenza għall-istqarrija. Però l-istqarrija ma kenitx il-bażi tas-sejbien ta’ ħtija. M’hemmx dubju li s-sejbien ta’ ħtija kienet prinċipalment bażata fuq ix-xiehda ta’ Kandemir Meryem Nilgum u Kucuk Melek, li f’*identification parades* kienu għarfu lir-rikorrent bħala l-persuna li kellhom kuntatt miegħu f’Malta. Dawn kienu l-persuni li tqabbdu biex mit-Turkija jġibu d-droga f’Malta. Fil-fatt dawn it-tnejn min-nies irrakontaw kif Nilgum

iltaqgħet miegħu fit-3 ta’ Marzu 2003 filwaqt li Melek iltaqgħet miegħu fl-4 ta’ Marzu 2003. Hu altru milli evidenti li Borg ma nstabx ħati minħabba dak li qal fl-istqarrija, għaliex ma qal xejn rilevanti, iżda minħabba l-provi l-oħra li tressqu kontra tiegħu. Dan ma kienx xi każ fejn l-istqarrija kienet l-unika prova jew fejn ix-xhieda irtiraw dak li kienu qalu lill-pulizija, lill-maġistrat inkwirenti u dak li xehdu waqt il-kumpilazzjoni. Fejn il-każ ikun ġie deċiż b’sentenza li għaddiet in ġudikat, il-qorti trid tara t-totalità tal-proċeduri biex tasal jekk kienx hemm ksur tad-dritt għas-smigħ xieraq. Ma għandux ikun li fi proċeduri ta’ din ix-xorta din il-qorti tissostitwixxi l-fehma tagħha dwar il-fatti għal dik li esprimew il-ġurati u l-Qorti tal-Appell. Mill-atti tal-proċeduri kriminali hu altru milli evidenti li fir-rikors tal-proċeduri r-rikorrent kien dejjem assistit minn avukat u ngħata kull opportunità li jressaq il-każ tiegħu u jikkontesta l-provi kollha li tressqu kontra tiegħu. Il-fatt li Borg ma kellux aċċess għall-avukat meta kien taħt arrest qabel wieġeb għad-domandi tal-pulizija, ma effettwax b’mod irrimedjabbli d-drittijiet tiegħu ta’ difiża.

”2. Ix-xhieda prinċipali li xehdu, Kandemir Meryem Nilgum u Kucuk Melek ma kellhomx aċċess għall-avukat waqt li kienu qegħdin jiġu investigati.

”Fil-fehma tal-qorti r-rikorrent m’għandux jedd li jressaq dan l-ilment, meqjus li:-

”i. F’każ ta’ stqarrija li tingħata lill-pulizija, hi biss il-persuna li tagħmel l-istqarrija li għandu jkollha d-dritt li tilmenta li ma kellhiex aċċess għall-avukat u tinvoka ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni. Persuna għandha kull jedd li liberament, ukoll jekk tkun suspettata, tagħżel li twieġeb għad-domandi u tgħin fl-investigazzjoni li tkun qiegħda tmexxi l-pulizija fir-rigward ta’ terzi persuni. F’dan ir-rigward it-terza persuna, Mario Borg, ma jistax jipprova japprofitta ruħu billi jilmenta li l-istqarrijiet ta’ Kucuk Melek u Kandemir Meryem Nilgun saru mingħajr ma kellhom aċċess għall-avukat. Borg m’għandux il-jedd li jipprova jieħu xi vantaġġ għalih billi jinvoka drittijiet fundamentali li jispettaw lil persuni oħra. Id-dritt li persuna jkollha aċċess għall-avukat qabel tagħmel stqarrija lill-pulizija hu intiż biex joffri protezzjoni lil dik il-persuna li wara jittieħdu proċeduri kriminali kontra tagħha, u mhux lil xi ħaddiehor li jissemma f’dik l-istqarrija. Għalhekk l-ilment li ressaq Borg

kien disponibbli biss lil Nilgum u Melek, fir-rigward tal-proċeduri li ttieħdu kontriehom.
”ii. Dawn l-istqarrijiet kienu ġew konfermati quddiem il-Maġistrat Inkwirenti. Jirriżulta li mbagħad kienu xehdu waqt il-kumpilazzjoni u reġgħu ikkonfermaw l-istqarrijiet. Fis-seduta tat-30 ta’ Ottubru 2006 ġie verbalizzat hekk:-
”“Sar qbil ukoll bejn il-partijiet li d-deposizzjonijiet ta’ Kucuk Melek u Meryem Nilgun mgħotija fl-inkjesta però konfermata minnhom fil-kumpilazzjoni huma ammissibbli però suġġetti għas-salvagwardji kontemplati fl-artikolu 639(3)[1]. In vista ta’ dan il-qbil Dr Montalto jirtira t-tielet eċċezzjoni.”.
“iii. Melek u Nilgun reġgħu xehdu fil-ġuri (seduti tal-14 ta’ Jannar 2008 u 15 ta’ Jannar 2008) u saħansitra sarilhom ukoll il-kontro-eżami mid-difensur ta’ Borg. Ir-rikorrent altru milli ngħata l-opportunità li jiddefendi ruħu u, permezz tad-difensur li assistih, jikkontesta u jagħmel domandi lil dawn ix-xhieda. Saħansitra fir-rigward tax-xhud Melek ġie verbalizzat:
”“il-prosekuzzjoni titlob li titqassam kopja tal-i*statement* u x-xiehda li x-xhud Kucuk Melek tat quddiem il-Maġistrat Dr C Scerri Herrera. Id-difiża ma topponix.”.
“3. Il-Maġistrat Inkwirenti kienet l-istess maġistrat li quddiemha saret il-kumpilazzjoni.
”Ilment li f’dan il-każ hu għal kollox mingħajr bażi meta tqis li:-
”i. Fil-15 ta’ April 2003 sar rapport mill-Ispettur Nezren Grixti lill-maġistrat tal-għassa li kien ġie arrestat Mario Borg fir-rigward ta’ investigazzjoni dwar traffikar ta’ droga eroina. Kif isir is-soltu l-Maġistrat Inkwirenti innominat l-esperti. Peress li Mario Borg tressaq quddiem il-qorti fis-17 ta’ April 2003, fit-23 ta’ April 2003 il-Maġistrat Inkwirenti għalqet l-inkjesta. Fil-proċess verbal jingħad:-
”“Illi permezz ta’ nota ppreżentata fir-reġistru ta’ din il-qorti nhar l-wieħed u għoxrin ta’ April 2003 mill-Kummissarju tal-Pulizija, il-Maġistrat Inkwerenti ġiet mitluba sabiex tagħlaq dan il-proċess verbal *stante* li l-imsemmija persuna kienet tressqet il-qorti in konnessjoni ma’ dan il-każ. Magħmula dawn il-kostatazzjonijiet il-Maġistrat Inkwirenti tirrediġi l-presenti proċess verbal, tgħaqqad

1 Dwar xiehda ta’ kompliċi.

miegħu r-rapport tal-Ispettur Nezren Grixti u l-atti l-oħra kollha ppresentati quddiemha u tordna li kollox jintbagħat lil Avukat Ġenerali fiż-żmien mogħti fil-liġi.”
”ii. Il-Maġistrat Inkwirenti hu indipendenti mill-pulizija u l-qorti ma taqbilx li jkun qiegħed jaqdi rwol ta’ prosekutur.
”iii. Il-Maġistrat Inkwirenti ma esprimiet l-ebda opinjoni dwar jekk kienx hemm provi biżżejjed kontra Mario Borg biex jittieħdu proċeduri kriminali.
”iv. Il-każ ta’ Borg instema’ f’ġuri u mbagħad mill-Qorti tal-Appell.
”v. Ma kien hemm xejn milli jimpedixxi lir-rikorrent sabiex waqt is-smigħ tal-kumpilazzjoni jissolleva dan l-ilment u saħansitra jitlob ir-rikuża tal-maġistrat li quddiemha nstema’ l-każ. Fatt li kien magħruf lil Borg fis-seduta tat-28 ta’ April 2003 meta ġie esebit il-proċess verbal. M’għandux ikun li wara dawn is-snin kollha r-rikorrent jipprova jfittex li jieħu xi benefiċċju mill-passività tiegħu stess.
”vi. Saħansitra fin-nota tal-eċċezzjonijiet preliminari li ppreżenta fit-13 ta’ Lulju 2006 quddiem il-Qorti Kriminali, kien ilmenta li:-
"“illi l-atti tal-istruttorja huma nulli għaliex dawn ġew kompilati minn maġistrat li mhux biss kien il-maġistrat li kkonduċa l-inkjesta li kienet inżammet wara r-rapport verbali tal-Ispettur Nezrin Grixti tal-15 ta’ April 2003, iżda li saħansitra l-istess maġistrat baqa’ jikkonduċi l-istess inkjesta maġisterjali għal perjodu ta’ żmien wara li l-akkużat kien ġà ġie mixli bl-akkużi odjerni u kien qed jiġi pproċessat quddiem l-istess maġistrat. F’dan ir-rigward biżżejjed li jiġi rilevat illi kif jirriżulta mill-inkartament ta’ din il-kawża, filwaqt li l-akkużat tressaq quddiem il-Qorti Istruttorja nhar is-17 ta’ April 2003, il-proċess ġie redatt u konkluż mill-istess maġistrat li kien qed jisma’ l-kawża nhar it-23 ta’ April 2003.”
”Fis-seduta li saret fit-30 ta’ Ottubru 2006 quddiem il-Qorti Kriminali, din l-eċċezzjoni ġiet irtirata. Kull kumment ieħor ikun superfluwu.
”4. Għalkemm il-Qorti tal-Appell sabitu mhux ħati ta’ waħda mill-akkużi, dan il-fatt ma ġiex rifless fil-piena tal-qorti.
”Ilment ieħor tar-rikorrent hu li ma ħa l-ebda benefiċċju li s-sentenza tal-ewwel qorti ġiet varjata fir-rigward tal-tielet

kap ta’ akkuża li kien jittratta dwar pussess ta’ eroina bejn Frar 2003 u April 2003, fis-sens li l-Qorti tal-Appell iddikjarat li ma kienx ħati li kellu l-eroina fil-pussess tiegħu f’dak ix-xahar. Borg ġie kkundannat għall-wieħed u għoxrin (21) sena priġunerija u multa ta’ sebgħin elf euro (€70,000). Il-qorti ma taqbilx li r-rikorrent għandu xi dritt li jieħu xi benefiċċju in kwantu:-
”i. Hu nstab ħati tat-tielet kap.
”ii. Il-perjodu Frar u April kien qiegħed jidentifika biss perjodu li fih twettaq ir-reat, mingħajr ma ngħatat data speċifika. Ix-xahar ta’ Marzu jaqa’ f’dan it-*time bracket*.
”iii. Minn qari tas-sentenza tal-ewwel qorti għal finijiet ta’ piena ma ssemma xejn jekk kellux pussess ta’ eroina darba jew darbtejn. Borg kien qiegħed jiffaċċja sentenza ta’ għomru l-ħabs għar-reat ta’ assoċjazzjoni ma’ persuni oħra sabiex jimporta, ibigħ jew jittraffika d-droga. Il-ħsieb tal-imħallef li kien qiegħed jippresjedi l-ġuri kien bażat fuq l-involviment ta’ Borg “f’operazzjoni ta’ traffikar ta’ droga eroina ta’ kwantità sostanzjali li kienet ser iġġib ħerba fost il-vittmi ta’ din id-droga fil-pajjiż. Għalhekk il-piena trid tkun waħda li tirrifletti serjament il-gravità tar-reati anki in relazzjoni ma’ sentenzi oħra li erogat din il-qorti f’każijiet analogi biex kemm jista’ jkun, ikun hemm uniformità fl-erogazzjoni tal-piena”.”

9. L-attur appella minn din is-sentenza b’rikors tal-25 ta’ Ġunju 2012. L-aggravji tiegħu huma dawn:

10. l-ewwel qorti qalet ħażin meta qalet illi, għax l-attur ma qajjimx quddiem il-qorti ta’ ġurisdizzjoni kriminali l-ilment tiegħu dwar l-istqarrija tiegħu, mela ma jistax iressqu issa, u qalet ħażin ukoll meta qalet illi dik l-istqarrija ma kinitx determinanti għas-sejbien ta’ ħtija tiegħu;

11. dwar l-istqarrijiet tax-xhieda li xehdu fil-proċess kontra l-attur, l-ewwel qorti qalet ħażin ukoll meta qalet illi l-attur ma jistax “japprofitta ruħu” minn ksur ta’ drittijiet ta’ terzi – jekk dawk l-istqarrijiet ittieħdu “illegalment” ma jista’ jsir ebda użu minnhom;

12. dwar li l-Maġistrat Inkwirenti kienet ukoll il-maġistrat li quddiemha saret il-kumpilazzjoni, l-ewwel qorti qalet ħażin illi l-Maġistrat Inkwirenti hija indipendenti mill-

Pulizija u li, għax l-attur ma qajjimx dan l-ilment qabel, ma jistax iressqu issa; u

13. dwar li, għalkemm fl-appell instab mhux ħati ta' waħda mill-akkużi, dan ma ġiex rifless fil-piena, l-ewwel qorti qalet ħażin illi l-attur ma kellux jibbenefika minn tnaqqis fil-piena.

14. Il-konvenuti wieġbu fid-9 ta' Lulju 2012 u fissru għala, fil-fehma tagħhom, l-appell għandu jiġi miċħud.

15. Ngħaddu issa biex inqisu wieħed wieħed l-aggravji tal-attur.

16. L-ewwel aggravju jgħid (i) illi l-ewwel qorti qalet ħażin illi, ladarba l-attur ma ressaqx l-ilment tiegħu quddiem il-qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali, mela ma jistax iressqu quddiem din il-qorti u (ii) illi ma huwiex minnu illi l-istqarrija ma kinitx "determinanti" għas-sejbien ta' ħtija.

17. L-ewwel parti ta' dan l-aggravju tgħid illi qabel ma ngħatat is-sentenza ta' Salduz *v.* it-Turkija[2] il-jedd ta' għajnuna minn avukat waqt l-interrogazzjoni mill-pulizija ma kienx għadu stabilit u għalhekk kien ikun għalxejn li l-attur iqajjem l-ilment qabel ma ġiet stabilita din il-ġurisprudenza.

18. Is-sentenza ta' Salduz ingħatat fis-27 ta' Novembru 2008 waqt illi l-appell tal-attur quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali nqata' fid-19 ta' Mejju 2011. Seta' għalhekk l-attur ressaq l-ilment tiegħu waqt illi l-proċeduri kienu għadhom quddiem il-qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali.

19. Il-punt iżda ma huwiex illi l-fatt illi l-attur ma qajjimx l-ilment fl-istadju meta kien iżjed opportun, iżommu proċeduralment milli jressqu f'dawn il-proċeduri tallum. Il-punt hu illi l-fatt illi l-attur ma ressaq ebda ilment kontra l-istqarrija meta kellu kull opportunità li jagħmel hekk quddiem il-qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali huwa xiehda ċara tal-fatt illi ma ħassx li kienet ta' preġudizzju għalih jew li ttieħdet b'abbuż.

20. Kif sewwa jgħidu l-konvenuti, il-jedd li jagħtu l-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni huwa jedd għal smigħ xieraq. Interpretazzjoni korretta tas-sentenza ta' Salduz trid bilfors tqis ukoll iċ-ċirkostanzi ta' dak il-każ, partikolarment illi Salduz kien f'sitwazzjoni ta' vulnerabilità meta għamel l-istqarrija. Dan huwa l-kuntest proprju u

---

[2] Q.E.D.B. 27 ta' Novembru 2008, rikors 36391/02.

leġittimu ta' dan il-jedd: ma jingħatax biex min hu ħati jaħrab il-konsegwenzi ta' għemilu minħabba xi formalità nieqsa minn konsegwenzi gravi u reali. Salduz kellu biss sbatax-il sena meta ġie arrestat u interrogat mill-pulizija mingħajr ma ngħata l-għajnuna ta' avukat u ammetta li kien ħa sehem f'attività politika illegali. Meta, jumejn wara, reġa' ġie interrogat mill-maġistrat inkwirenti ċaħad l-akkużi u qal illi l-ammissjoni kien għamilha taħt theddid, swat u maltrattament fiżiku u psikoloġiku mill-pulizija.

21. Fil-każ tal-lum l-attur ma allegax illi ġie msawwat jew mhedded jew imqarraq biex għamel l-istqarrija jew kien ibati minn xi vulnerabilità partikolari xort'oħra meta għamel dik l-istqarrija. Il-preżenza ta' avukat hija garanzija li ma jsirux abbużi bħal dawn, iżda l-attur ma allegax li dan seħħ fil-każ tiegħu. Il-fatt illi ma sarux dawn l-allegazjonijiet, lanqas quddiem il-qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali, juri illi, minkejja n-nuqqas ta' għajnuna ta' avukat, ma kien hemm xejn illeċitu jew abużiv fit-teħid tal-istqarrija. Dan ifisser, mhux illi hemm xi ostakolu proċedurali li jżomm lill-attur milli jressaq l-ilment quddiem din il-qorti meta ma ressqux quddiem il-qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali, iżda li huwa nieqes dak l-element ta' vulnerabilità biex, bħal fil-każ ta' Salduz, jinstab illi hemm ksur ta' drittijiet fondamentali.

22. It-tieni parti tal-ewwel aggravju tgħid illi l-istqarrija kienet "determinanti" għas-sejbien ta' ħtija għax "saret referenza għaliha fis-sentenza mogħtija mill-ewwel qorti".

23. L-ewwelnett, għandu jingħad illi, ukoll jekk l-istqarrija tassew kienet determinanti għas-sejbien ta' ħtija, dan ma jfissirx bilfors illi s-sejbien ta' ħtija huwa ħażin, jekk ma jintweriex – kif fil-fatt ma ntweriex – illi l-istqarrija ttieħdet b'abbuż.

24. Barra minn hekk, bħala fatt l-istqarrija ma kienet determinanti xejn. Preżumibilment l-"ewwel qorti" msemmija fl-aggravju hija l-Qorti Kriminali. Is-sejbien ta' ħtija ma sarx fis-sentenza tal-Qorti Kriminali iżda mill-ġurati u għalhekk ma jistax ikun illi referenza għall-istqarrija li setgħet saret[3] fis-sentenza kienet determinanti għas-sejbien ta' ħtija li saret qabel.

3 Fil-fatt ma jidher li saret ebda referenza għall-istqarrija fis-sentenza tal-Qorti Kriminali.

25. Jekk l-attur ried ifisser il-Qorti tal-Appell Kriminali, tassew illi fis-sentenza ta' dik il-qorti tissemma l-istqarrija, l-aktar biex tgħid illi l-ġurati "waslu għall-konklużjoni li ma jagħtux affidament għall-verżjoni li l-appellant ta fl-istqarrija tiegħu", iżda mhux bħala raġuni għas-sejbien ta' ħtija, u wisq inqas bħala raġuni "determinanti".

26. Fl-istqarrija tiegħu l-attur ma jammetti xejn u jiċħad kollox. Is-sejbien ta' ħtija ma setax jiġi msejjes fuq dik l-istqarrija u, kif jidher mill-konsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Appell Kriminali, kienet xiehda oħra li wasslet għas-sejbien ta' ħtija.

27. Dan l-aggravju huwa għalhekk miċħud fiż-żewġ partijiet tiegħu.

28. It-tieni aggravju jolqot l-istqarrijiet taż-żewġ xhieda li wkoll għamlu stqarrija meta ma kellhomx għajnuna ta' avukat.

29. Dan l-aggravju huwa msejjes fuq il-premessa – li ġà rajna illi hija ħażina – illi l-fatt waħdu li stqarrija ssir meta min jagħmilha ma jkollux l-għajnuna ta' avukat huwa ksur tal-jedd għal smigħ xieraq u dik l-istqarrija hija *ipso facto* invalida.

30. Għalkemm mhux neċessarjament huwa l-każ illi, kif qalet l-ewwel qorti, "F'każ ta' stqarrija li tingħata lill-pulizija, hi biss il-persuna li tagħmel l-istqarrija li għandu jkollha d-dritt li tilmenta li ma kellhiex aċċess għall-avukat u tinvoka ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni" – għax jista' jkun illi min jagħmel l-istqarrija ma jkollux aċċess għal qorti u għalhekk ma jistax jitlob rimedju, iżda xorta jibqa' l-fatt illi l-istqarrija tkun ittieħdet b'abbuż u għalhekk ma tkunx tiswa bħala xiehda – fil-każ tallum iż-żewġ xhieda li għamlu l-istqarrija kellhom kull fakoltà li jikkontestawha iżda mhux biss ma għamlux hekk anzi reġgħu tennew dak li qalu f'xiehda ħielsa quddiem il-qorti. Mela jekk min għamel l-istqarrija ma ċaħadhiex u ma ikkontestahiex u ma lmentax li ttieħdet b'abbuż għalkemm kellu kull fakoltà li jagħmel hekk b'aċċess ħieles għal qorti, dik l-istqarrija għandha titqies bħala xiehda ammissibbli. Billi kienet ukoll xiehda ta' kompliċi, lill-ġurati ngħataw it-twissijiet li jrid l-art. 639(3) tal-Kodiċi Kriminali, kif jidher mis-silta mill-indirizz tal-imħallef lill-ġurati miġjuba fil-paragrafu 8 tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali.

31. L-istqarrijiet tax-xhieda kienu għalhekk xiehda ammissibbli meqjusa b'ħarsien sħiħ ta' dak li trid il-liġi.

32. Dan l-aggravju huwa għalhekk miċħud.

33. It-tielet aggravju jolqot ir-rwol tal-maġistrat inkwirenti u l-maġistrat li quddiemu ssir il-kumpilazzjoni. L-attur igħid illi l-maġistrat inkwirenti ma huwiex indipendenti mill-pulizija u dan il-fatt idgħajjef il-preżunzjoni ta' innoċenza meta l-istess maġistrat "tinża l-kappell ta' inkwirenti u tilbes dak ta' qorti istruttorja u *talvolta* ġudikanti".

34. Din il-qorti taqbel għal kollox mal-konsiderazzjonijiet tal-ewwel qorti dwar dan l-ilment u ftit tara ħtieġa li żżid magħhom. Is-sejbien ta' ħtija ma sarx mill-maġistrat iżda mill-ġurati. Barra minn hekk, kif sewwa qalet l-ewwel qorti, il-maġistrat hija indipendenti mill-prosekuzzjoni, ma esprimiet ebda opinjoni dwar il-ħtija tal-attur fil-verbal li bih għalqet l-inkjesta, u, f'kull każ l-attur mhux biss ma ressaqx eċċezzjoni ta' rikuża tal-maġistrat iżda wkoll l-eċċezzjoni li ressaq ta' nullità tal-atti tal-istruttorja irtiraha.

35. Din il-qorti taqbel mal-ewwel qorti illi dan l-ilment imressaq fl-istadju ta' dawn il-proċeduri huwa biss att ta' opportuniżmu. L-aggravju huwa għalhekk miċħud.

36. L-aħħar aggravju huwa dwar il-fatt illi għalkemm il-Qorti tal-Appell Kriminali sabet lill-attur mhux ħati ta' waħda mill-akkużi li dwarha kien instab ħati quddiem il-Qorti Kriminali, ma naqqsitx il-piena.

37. Din il-qorti tosserva illi l-*quantum* tal-piena huwa mħolli f'idejn il-qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali u, sakemm dak il-*quantum* ikun fil-parametri li tagħti l-liġi għar-reati li dwarhom tinstab ħtija, u għalhekk ma jkunx bi ksur tal-massima *nulla pœna sine lege*, ma huwiex ħaġa mħollija fil-kompetenza ta' din il-qorti. Il-piena mogħtija lill-attur hija ampjament fil-parametri tal-liġi għar-reati li dwarhom finalment instab ħati, u l-Qorti tal-Appell Kriminali fil-paragrafu 20 tas-sentenza tad-19 ta' Mejju 2011 fissret ir-raġunijiet għala kienet tal-fehma illi ma kellhiex tiddisturba d-diskrezzjoni tal-ewwel qorti.

38. Ma seħħ ebda ksur ta' drittijiet tal-attur, u dan l-aggravju wkoll huwa miċħud.

39. Il-qorti għalhekk tiċħad l-appell, tikkonferma s-sentenza appellata u tikkundanna lill-attur appellant iħallas l-ispejjeż kollha taż-żewġ istanzi.

| | |
|---|---|
| Silvio Camilleri | Giannino Caruana Demajo |
| | Noel Cuschieri |
| Prim Imħallef | Imħallef |
| | Imħallef |

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------